**Nomina ta' Clive Aquilina Spagnol bħala**
**Ambaxxatur ta' Malta Residenti għall-Arabja Sawdija**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandu l-Arabja Sawdija? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar ambaxxatur?**

Minkejja s-saħħa tal-Arabja Sawdija fuq livell mundjali bħala l-akbar esportatur taż-żejt, u esportatur sostanzjali tal-gass naturali, dan il-pajjiż xorta waħda għandu numru ta' sfidi, politikament u saħansitra ekonomikament.

Dawk politiċi ġejjin mill-fatt li dan il-pajjiż - minħabba r-riżorsi li għadni kemm semmejt - huwa *powerhouse* mundjali u r-rwol li konsegwentament jilgħab. Dan wassal biex maż-żminijiet tgħarrqu ċertu relazzjonijiet ma' numru ta' pajjiżi. Il-ħbiberija antika mal-lstati Uniti u xi ftit inqas mal-pajjiżi Ewropej, partikolarment l-Ingilterra, wasslet biex dan il-pajjiż ikollu frizzjonijiet ma' numru ta' pajjiżi oħra, fosthom l-Iran li huwa forza oħra fir-reġjun u l-alleati tiegħu.

Hemm ukoll l-aspett reliġjuż; l-Arabja Sawdija hija ċ-ċentru u l-bastun aħħari tar-reliġjon Musulmana. Tippromwovi wkoll reliġjon Musulmana 'pura' magħrufa bħala 'Wahhabism'. Minħabba dan hemm pajjiżi oħra Musulmani b'ambizzjonijiet politiċi li m'għandhomx relazzjoni tajba ma' dan il-pajjiż. Ir-Renju Sawdi jħaddan ir-reliġjon Musulmana Sunni u minħabba f'hekk hemm tendenza li tinħoloq diviżjoni ma' dawk il-pajjiżi li jħaddnu r-reliġjon Musulmana Shia.

Billi l-Arabja Sawdija tasserixxi stat ta' forza politika reġjonali dominanti, din fiha nnifisha hija sfida għar-Renju Sawdi. Hija wkoll Monarkija Assoluta mmexxija mir-Renju tal-familja Saud u ilha hekk għal tul l-istorja riċenti. Bħal kull monarkija assoluta, hija konxja ħafna ta' forom ta' oppożizzjoni jew kritika kemm fil-beraħ kif ukoll fil-mistur. Dawn l-elementi taw lok għal oppożizzjonijiet żgħar anke minn ġewwa l-pajjiż, kif ukoll għamlu lill-pajjiż espost għal ċertu gruppi terroristiċi.

Fl-2017 l-Arabija Sawdija inizjat imblokk flimkien mal-Emirati Għarab Magħquda (UAE), il-Bahrain u l-Eġittu (l-erba' pajjiżi flimkien jissejħu l-'kwartett tal-imblokk') kontra l-Qatar, liema imblokk għadu għaddej sal-lum. Il-Qatar sab appoġġ mit-Turkija u mill-lran. Dan l-imblokk poġġa quddiem l-Arabja Sawdija sfida oħra; bejn li ħarrex ir-rivalità kompetittiva kummerċjali bejn ir-Renju Sawdit u l-Qatar, u bejn li poġġa lir-Renju Sawdit f'kontroversja politika li spiċċat f'litigazzjonijiet internazzjonali. Verdetti negattivi jafu jitfgħu dell ikrah fuq ir-Renju fir-rigward ta' kif jittratta r-relazzjonijiet internazzjonali tiegħu.

L-isfidi ekonomiċi ġejjin mill-fatt li minkejja l-pajjiż huwa sinjur u ħafna familji għandhom dħul għoli (il-pajjiż huwa kklassifikat mill-Bank Dinji bħala *High Income*), hemm ukoll

dispareġġi fid-dħul, speċjalment fost il-popolazzjoni immigranta. Wieħed jisma' wkoll b'allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u kif dan jista' jfixkel l-effiċjenza ekonomika. Il-parteċipazzjoni tal-mara fl-attivitajiet ekonomiċi tal-pajjiż, għalkemm mhix projbita, għadha kulturalment mhix promossa.

Sfida kbira oħra ġejja mid-dipendenza tal-pajjiż fuq id-dħul mill-bejgħ taż-żejt u l-gass. Billi f'dawn l-aħħar sitt snin il-prezz taż-żejt kellu żewġ waqgħat kbar, dan affettwa d-dħul tal-lstat b'mod negattiv u sostanzjalment. Konsegwentament, l-ekonomija (li tiddependi ħafna mill-Gvern) marret lura u naqas id-dħul għall-familji.

F'dawn l-aħħar snin il-pajjiż nieda l-Viżjoni 2030, li tinkludi sett ta' miżuri konkreti dwar kif il-pajjiż se jiddiversifika l-ekonomija. Fosthom hemm il-VAT (li riċentement żdiedet), tiżdied il-parteċipazzjoni tas-settur privat, tiġi inkoraġġita l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-kamp tax-xogħol, u l-privatizzazzjoni ta' kumpaniji tal-Gvern inkluż dik ARAMCO. Ta' interess għal Malta fid-diversifikazzjoni tal-ekonomija huwa t-tkabbir tas-settur turistiku fil-pajjiż, speċjalment it-turiżmu tal-btajjel (*leisure tourism*).

Ħafna mill-miżuri biex jegħleb l-isfidi ekonomiċi ttieħdu mill-Prinċep tal-Kuruna kurrenti. Kien hu fil-fatt li nieda l-Viżjoni 2030. B'sapport għall-miżuri ekonomiċi, nieda wkoll riformi soċjali ambizzjużi li taw drittijiet ċivili lin-nisa u naqqsu kważi għal kollox is-segregazzjoni bejn is-sessi. Tnaqqset ukoll l-id iebsa tal-lstat fir-rwol tiegħu ta' promotur tal-valuri morali. Dawn huma kollha riformi kbar u storiċi li għalihom il-popolazzjoni qed tirreaġixxi tajjeb, u għaldaqstant naħseb li fuq medda ta' 15-il sena se jħallu frott sostanzjali.

Sfortunatament dawn ir-riformi ekonomiċi u soċjali jibqgħu fid-dell tal-iżviluppi politiċi li fihom l-Arabja Sawdija tilgħab rwol ċentrali.

Il-binarji li nixtieq naħdem fuqhom huma fuq livell bilaterali u multilaterali.

**Bilaterali**

Permezz tar-relazzjonijiet tajbin ħafna li Malta għandha ma' diversi pajjiżi u li għandhom ukoll il-fiduċja tal-Arabja Sawdija, kif ukoll tar-relazzjonijiet tajba li qed inkabbru ma' pajjiżi li mhumiex qegħdin f'relazzjoni tajba mar-Renju Sawdi, nuża' dan il-vantaġġ f'djalogu dejjiemi, u fejn ikun il-każ, il-parteċipazzjoni konċiljattiva. Dan sabiex l-Arabja Sawdija tirriżolvi xi ftit mill-frizzjonijiet politiċi tagħha.

Malta wkoll fil-passat għaddiet minn proċess ta' diversifikar u ristrutturar ekonomiku u għaldaqstant tista' tkun ta' għajnuna u parir, speċjalment fis-settur tat-turiżmu fejn għandna ħafna esperjenza, u s-settur diġitali. Filwaqt li l-Arabja Sawdija tħaddan differenzi kbar minn Malta fuq livell soċjali minħabba li r-reliġjon hija mwaħħda mal-liġijiet tal-pajjiż — allura tissettja normi soċjali u kulturali differenti ħafna minn dawk ta' pajjiżna — Malta xorta tista' tkun ta' parir u sapport fejn jidħol żvilupp soċjali u drittijiet ċivili aktar tradizzjonali (eż. it-trasformazzjoni ta' pajjiżna bl-emanċipazzjoni tal-mara).

Fil-kamp bilaterali l-ħidma tista' ssegwi xi metodoloġiji minn dawn ta' hawn taħt (lista mhux eżawrijenti):

(i) Pjanijiet t'azzjoni mfassla b'miri u tempestività konkreti;
(ii) Kalendarju ta' laqgħat mas-setturi u *stakeholders* rispettivi;
(iii) Pjattaformi speċjalizzati għal djalogi;
(iv) Parteċipazzjonijiet f'wirjiet, fieri u l-organizzazzjoni ta' delegazzjonijiet;
(v) Nara li l-Memoranda jew il-Ftehim diġà ffirmati bejn iż-żewġ pajjiżi għadhomx rilevanti; jekk iva, naħdem biex nattwahom; jekk le, naħdem għal oħrajn ġodda;
(vi) Memoranda jew Ftehim ta' Kooperazzjoni ġodda fejn jitwaqqfu fost l-oħrajn Kunsilli / Kmamar / Kumitati dedikati bejn il-pajjiżi.

**Multilaterali**

Inkun attiv f'dak li hu *rapporteuring* fuq il-pajjiż u naġġorna lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin bil-kwistjonijiet rilevanti skont il-każ. Bħala membru tal-Unjoni Ewropea (UE) Malta għandha vuċi oħra f'dik li hi kooperazzjoni u promozzjoni ta' kwistjonijiet relevanti mal-Arabja Sawdija, partikolarment fid-dawl tal-EU-GCC Cooperation Agreement u l-laqgħat annwali sussegwenti li jsiru f'Riyadh jew Brussell bejn iż-żewġ blokok, kif ukoll fid-dawl ta' diversi inizjattivi bilaterali bejn l-UE u l-Arabja Sawdija direttament. Nistgħu nieħdu l-inizjattiva fuq kwistjonijiet li nidentifikaw importanti għar-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi, u nqegħduhom fuq l-aġenda tal-UE u nkunu attivi bis-sapport tagħna. Bħala pajjiż ta' paċi u newtrali, Malta tista' tilgħab rwol akbar fl-UE fir-rigward tal-Arabja Sawdija. Dan għaliex fuq il-livell internazzjonali mhux kollox jaqa' taħt il-kompetenzi diretti u esklussivi ta' Malta ladarba Malta hi membru tal-UE.

2. **Bħala Ambaxxatur Residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

L-għan ewlieni u primarju tiegħi jkun li npoġġi lil Malta, lill-interessi u lin-nies tagħha fuq quddiem nett f'dik li hi rappreżentanza fil-pajjiż. Ħidma minn tal-ewwel tkun li nidentifika l-entitajiet kummerċjali u ċ-ċittadini Maltin fil-pajjiż biex nara x'inhuma l-bżonnijiet u l-interessi tagħhom, kif ukoll dwar dawk li għalkemm mhumiex residenti hemm, għandhom ħidma mill-qrib jew interessi fl-Arabja Sawdija.

Nuża wkoll il-metodoloġija fl-approċċ bilaterali li spjegajt fit-tweġiba preċedenti imma adattati għall-isfidi politiċi u soċjali, biex inżid ir-rabtiet politiċi u soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi.

L-isfidi prinċipali huma li l-Arabja Sawdija hija Monarkija Assoluta u ma taqsamx l-ideal demokratiku ta' Malta Repubblika. Is-sistema monarkika hija għalhekk riflessa b'xi mod jew ieħor fl-oqsma kollha tal-pajjiż u fl-interazzjonijiet tiegħu ma' pajjiżi oħra. Il-pajjiż għandu wkoll ambizzjonijiet politiċi ferm differenti minn dawk ta' Malta.

Huwa pajjiż fundamentalment Musulman mhux biss fuq livell reliġjuż imma fuq kull livell, minħabba li l-Iżlam huwa integrat fil-liġi tal-pajjiż. Dan iwassal biex il-mod kif il-pajjiż jopera l-kummerċ tiegħu, il-kultura u l-aspetti soċjali huma differenti sew minn dawk ta' Malta. Filwaqt li l-ġenerazzjoni żgħira għandha ideal u ambizzjonijiet aktar allinjati ma' dawk mid-dinja tal-Punent, hemm sezzjonijiet tal-popolazzjoni li għandhom aspettattivi u ħsibijiet ferm differenti minn dawk tal-Maltin.

Naħdem biex fl-Arabja Sawdija jikber l-għarfien ta' Malta u l-kontribut politiku tagħha fix-xena internazzjonali, in-nies tagħha u ħajjiethom. Nuża' l-ilsien Malti u l-letteratura Maltija bħala fulkru li jista' jqarreb aħjar iż-żewġ pajjiżi flimkien soċjalment u kulturalment, u nibni fuqu. Inwettaq qafas għal wirjiet, esebizzjonijiet u *events* regolari minn Malta ħalli nesportaw l-element soċjali tagħna. Malta Day hija każ wieħed ta' eżempju.

Nesplojta l-fatt li Malta għandha rabtiet kbar mar-Renju Unit fuq ħafna livelli u nużah bħala bażi biex inqarreb lil Malta u lil Arabja Sawdija fuq livell politiku u soċjali.

**3. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Arabja Sawdija? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi?**

It-turiżmu, l-edukazzjoni, is-settur tas-saħħa, it-trasport u l-loġistika huma l-aktar niċeċ ekonomiċi li nara li għandna noħolqu bejn iż-żewġ pajjiżi.

Dan huwa pajjiż ta' kważi 35 miljun ruħ, b'14.5 miljun f'età ta' inqas minn 24 sena; popolazzjoni li qed tikber sew tul dawn l-aħħar snin, bi tkabbir ta' kważi 2% fl-2019 biss. Dan huwa l-ikbar pajjiż fil-GCC (Kunsill għall-Kooperazzjoni fil-Golf Għarbi) u huwa ħafna ikbar mill-ħames membri l-oħra tal-GCC. Bħall-kumplament tal-pajjiżi tal-GCC, huwa meqjus bħala pajjiż *High Income* mill-Bank Dinji.

Għaldaqstant, fl-Arabja Sawdija Malta tista' ssib suq b'saħħtu partikolarment għas-swieq tagħha tat-turiżmu, l-edukazzjoni u s-settur tas-saħħa.

**Turiżmu**

Fejn jidħol it-turiżmu, hemm sforzi għaddejjin bejn l-UE u l-GCC biex jiġi ffaċilitat l-ivjaġġar tan-nies miż-żewġ blokok, speċifikament rigward it-tneħħija tal-bżonn ta' viża għal żjajjar temporanji (90 jum f'sena). Fil-fatt, dawn l-aħħar xhur, l-Emirati Għarab Magħquda (UAE) sar l-ewwel pajjiż mill-GCC li qed igawdi minn dan, u jidher li l-UE se tkun lesta tagħmel dan ma' pajjiżi oħra tal-GCC. Għandu jsir sforz min-naħa ta' Malta fl-UE biex l-Arabja Sawdija ma ddumx ma tibbenefika minn dan l-iżvilupp. Dan għaliex illum Malta hija ġurisdizzjoni stabbilita fejn jidħol turiżmu u huwa wieħed mill-aktar prodotti li rfinajna maż-żmien. Ninsab konvint li Malta, bi ftit adattament żgħir fejn jidħol il-prodott/servizz, tinsab lesta biex tilqa' ħafna turisti minn dan il-pajjiż. Huwa rrappurtat li 4.5 miljun persuna Sawdija jsiefru fuq btala ta' lanqas darba fis-sena u jitqiesu bħala l-aktar li jonfqu fid-dinja meta jsiefru, bi stima ta' madwar €5,000 għal kull safra, saħansitra wisq iżjed miċ-Ċiniżi.

**Edukazzjoni**

Malta għandha sistema edukattiva stabbilita, rikonoxxuta internazzjonalment, diversa u bl-Università nazzjonali tikkwalifika bħala waħda mill-aħjar 2,000 fid-dinja (Centre for World University Rankings). Għandhom isiru sforzi biex nattiraw studenti mill-Arabja Sawdija speċjalment f'dak li huwa studju fil-livell terzjarju.

It-tagħlim fil-lingwa Ingliża u bi standards Ewropej, klima u spejjeż ta' għajxien moderati, kif ukoll is-sigurtà (*safety*) tal-pajjiż huma vantaġġi li Malta għandha fuq pajjiżi oħra biex tagħmel lill-familji Sawditi jħossuhom komdi jibagħtu lil uliedhom jistudjaw f'pajjiżna. Diġà hemm preċedent f'dan is-settur fejn Malta tħarreġ numru ta' studenti tal-mediċina mill-Kuwajt. Dan l-istess suċċess jista' jiġi rreplikat b'numri akbar u f'oqsma oħra ta' taħriġ, meta wieħed jara li l-Arabja Sawdija riċentement għandha medja ta' 90,000 student jistudja barra mill-pajjiż fuq boroż ta' studju mogħtija mir-Renju Sawdi. Ta' min isemmi li Malta għandha diġà ftehim mal-Arabja Sawdija dwar kooperazzjoni fl-istudji diplomatiċi.

**Kura medika**

Bħal fl-edukazzjoni, Malta għandha sistema ta' kura medika avvanzata, stabbilita u ta' reputazzjoni tajba lil hinn minn xtutna. Tista' toffri din il-kura lill-barranin bi prezzijiet ħafna aktar kompetittivi minn pajjiżi oħra Ewropej. Minbarra l-Ġordan li huwa magħruf sew mal-popli tal-GCC għal kura ta' kwalità tajba, dawk li jifilħu jħallsu aktar għandhom tendenza jieħdu din il-kura minn pajjiżi Ewropej bħall-lngilterra u l-Ġermanja. Filwaqt li l-Arabja Sawdija għandha kura għolja ta' saħħa, l-awtoritajiet waħedhom iħallsu għal ta' lanqas 2,500 pazjent fis-sena biex jieħdu kura barra mill-pajjiż. Dan minbarra n-numru ta' żjajjar minn individwi li jiddeċiedu jmorru jieħdu kura privata lil hinn mill-pajjiż minn flushom. Malta bla dubju tista' tikkompeti b'suċċess f'dan ir-rigward.

**Trasport bl-ajru**

Jikkumplimentaw l-isforzi tagħna f'dawn it-tliet setturi msemmija hawn fuq, hemm is-settur tat-trasport, partikolarment dak bl-ajru. Malta u l-Arabja Sawdija diġà ffirmaw Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru li jagħmel titjiriet bejn iż-żewġ pajjiżi possibbli. Dan il-Ftehim jipprovdi għal numru sostanzjali ta' titjiriet u jwitti triq għal potenzjal kummerċjali qawwi. Għall-kuntrarju tat-titjiriet preżenti miż-żewġ pajjiżi l-oħra tal-Golf li jiffukaw fuq *connecting traffic* - jiġifieri primarjament iġorru passiġġieri lejn destinazzjonijiet oħra minbarra dawk tal-GCC imma permezz ta' waqfa fil-pajjiżi tal-Golf — it-titjiriet lejn l-Arabja Sawdija għandhom ir-rekwiżiti kollha biex jiffukaw fuq *Origin-Destination Traffic* — jiġifieri jkunu jew Malta jew l-Arabja Sawdija li primarjamemt jiggwadanjaw mill-ġarr ta' passiġġieri u merkanzija bejniethom. Fl-industrija tal-avjazzjoni jitqies li titjira diretta tiġġenera fluss ta' passiġġieri tliet darbiet iżjed, u li ċertament tagħti bidu u tkabbir għall-kummerċ, kif ukoll kollaborazzjonijiet soċjali, bejn iż-żewġ pajjiżi servuti bit-titjira.

Kemm l-Air Malta kif ukoll Saudia għandhom il-kapaċità li joperaw dawn it-titjiriet. Ftit huma dawk konxji bil-kobor ta' Saudia u li din mhijiex wisq iżgħar mill-Emirates u l-Qatar Airways. Hemm potenzjal kbir ukoll mis-Saudia biex tiffaċilita l-esportazzjoni tal-manifattura/prodotti minn Malta billi għandha kapaċità kbira f'dik li hi ġarr ta' merkanzija.

**Loġistika**

L-Arabja Sawdija huwa pajjiż li għandu wkoll livell imdaqqas ta' manifattura u li jisboq dak tal-pajjiżi l-oħra tal-GCC. Il-pajjiż għandu linji marittimi kbar inkluż bl-ingaġġ tas-CMA CGM, li għandha wkoll il-konċessjoni tal-Malta Freeport. Il-pajjiż huwa wkoll suq kbir u jimporta l-maġġorparti tal-bżonnijiet tiegħu. Il-pożizzjoni ġeografika vantaġġjuża tal-port

marittimu f'Jeddah tista' tikkumplimenta dak tagħna, kif ukoll tgħin biex noħolqu katina ta' loġistika bl-ajru u bil-baħar bejn iż-żewġ pajjiżi.

**It-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali għandu jsir billi:**

(i) Nippromwovi isem Malta inġenerali f'diversi fora billi nattendi personalment fejn nista';
(ii) Nippromwovi kemm nista' n-negozju bejn iż-żewġ pajjiżi u Brand Malta;
(iii) Niggwida negozji lokali bl-informazzjoni u l-għodod li għandhom bżonn biex ikunu jistgħu jagħmlu negozju fl-Arabja Sawdija;
(iv) Norganizza delegazzjonijiet ta' kummerċ u negozji Maltin fil-pajjiż;
(v) Nara li tinbena pjattaforma li tiffaċilita l-interazzjoni ta' negozji bejn iż-żewġ pajjiżi.

Biss, dan kollu jkun possibbli jekk fuq livell politiku, ingawdu relazzjoni bilaterali b'saħħitha. Għaldaqstant id-diplomazija kummerċjali għandha ssegwi u minn daqqiet tkun pari passu ma' dik politika fejn isem Malta jitpoġġa fuq quddiem b'id ta' ħbiberija lejn l-Arabja Sawdija.

## 4. Xi preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan il-Korp Diplomatiku?

Tul dawn l-aħħar 19-il sena, qattajt ħafna snin naħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kbar u fejn ir-rwoli li okkupajt kienu rwoli maniġerjali b'dimensjoni internazzjonali. Eżempju, fl-2003 kont l-ewwel Malti li ġejt ingaġġat f'kariga permanenti u *full time* mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Waħda miż-żewġ funzjonijiet primarji li kelli kienet dik ta' *Country Rapporteur* għal Malta. Billi dan kien iż-żmien li Malta kienet se tissieħeb fl-UE kif ukoll aktar tard tadotta l-munita waħda, dan kien ifisser li kont nikkomunika fuq livell uffiċjali u nirrapporta bejn l-awtoritajiet politiċi u tekniċi Maltin, il-BĊE u l-Kummissjoni Ewropea. Minkejja li l-kariga tiegħi ma kinitx politika imma aktar teknika diplomatika, u ma kinitx affiljata la ma' Malta u lanqas ma' Brussell, kont involut f'diversi laqgħat għolja fejn mhux biss irrappreżentajt l-interessi ta' Malta, imma wkoll mexxejt il-pożizzjoni tagħha f'punti kritiċi meta l-preparazzjoni ta' pajjiżna kienet qed tiġi evalwata. Bla dubju kelli nitgħallem ċertu protokolli diplomatiċi li kelli nosserva f'dik li hija komunikazzjoni miktuba u verbali, rigward il-kumpilazzjoni ta' rapporti ta' livell għoli, kif ukoll f'dik li hija parteċipazzjoni ta' laqgħat kemm fi Frankfurt u kemm fi Brussell.

Fil-kariga li kelli bħala *Head Air Transport* mad-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili ta' Malta, kont inkarigat mill-Aeropolitical Affairs u r-Relazzjonijiet Internazzjonali. Dan ifisser li kont inkarigat mill-Ftehim tas-Servizzi bl-Ajru; li ninnegozjaw ftehimiet ġodda jew li naġġornaw dawk antiki li Malta għandha ma' pajjiżi oħra. Dawn il-Ftehim huma Trattati bilaterali tal-Istat u allura n-negozjar tagħhom isegwi ċertu protokoll diplomatiku u jsir b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

F'din il-kariga jien irrappreżentajt lil Malta fin-negozjar ta' Trattati multilaterali fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) bil-parteċipazzjonijiet tiegħi fil-Kumitat Legali tal-lCAO (kont jien li pproponejt li Malta tibda tipparteċipa fil-laqgħat apposta ġewwa l-Kanada, u li għaldaqstant kont l-ewwel Malti li bdejt nagħmel dan), kif ukoll fl-Assemblea Ġenerali tal-lCAO fejn jiltaqgħu wkoll bosta diplomatiċi u rappreżentanti politiċi.

Kont nirrappreżenta lil Malta wkoll fil-Kumitat għall-Aċċess tas-Suq (*Market Access*) tal-UE fi Brussell fejn kont niddiskuti mar-rappreżentanti tal-pajjiżi Ewropej l-oħra s-suq intern tal-ajru kif ukoll it-Trattati multilaterali li l-Ewropa tkun se tinnegozja ma' pajjiżi terzi.

Ħdimt mal-Qatar Airways ġewwa l-Qatar bħala *Senior Manager Aeropolitical & Regulatory Affairs* u kont responsabbli min-negozjar ta' *traffic rights* li l-linja tal-ajru jkollha bżonn biex tiftaħ ir-rotot tagħha. Billi din hija linja tal-ajru dinjija, innegozjajt ma' politiċi u diplomatiċi min-numru ta' pajjiżi. Kont involut ukoll f'kwistjoni politika taħraq li l-linji tal-ajru kbar tal-Istati Uniti fetħu kontra l-linji tal-ajru tal-Golf. Fil-kamp tal-*Aeropolitical Affairs* hemm protokoll diplomatiku li wieħed għandu jsegwi.

Kont nokkupa l-kariga ta' *Senior Manager International Operations* mal-Awtoritajiet Internazzjonali Ingliżi għall-Avjazzjoni Ċivili (CAAI) fejn kont responsabbli mill-proġetti tal-avjazzjoni li l-Ingilterra kellha fil-Lvant Nofsani u l-Asja. Ir-rwol tiegħi kien jeżiġi li nieħu kontroll tal-proġetti assenjati lili; li ħafna minnhom kienu jkunu proġetti fdati fuq livell politiku mill-pajjiżi f'reġjuni diversi lill-Gvern Ingliż. Għaldaqstant kien ikolli nittratta u ninnegozja dettalji kuntrattwali anke fuq livell Ministerjali fil-pajjiżi klijenti tagħna. Kelli wkoll funzjoni ta' promozzjoni tal-għajnuna li l-awtoritajiet Ingliżi setgħu jagħtu.

Ħdimt ukoll mal-Istat tal-Qatar bħala Espert tat-Trasport bl-Ajru. Kont inkarigat b'diversi kuntratti kbar tal-avjazzjoni fuq livell ta' Stat, l-innegozjar ta' Ftehim tas-Servizzi bl-Ajru ma' numru ta' pajjiżi, kif ukoll Trattat bilaterali storiku u sinifikanti mal-UE dwar l-aċċess ħieles għat-trasport bl-ajru; l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fil-GCC.

Il-kariga preżenti ta' Direttur responsabbli mir-Regolamenti u l-Affarijiet Esterni għall-grupp nazzjonali tal-avjazzjoni fl-Oman, teżiġi l-innegozjar u t-trattar fuq livell ta' Stat.

Dawn il-karigi varji rawmuni u qarrbuni sew lejn ir-rekwiżiti u l-eżiġenzi ta' rwol diplomatiku fl-intier tiegħu.

**5. Qatt gejt assenjat f'Ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fi ħdan il-Korp Diplomatiku?**

Qatt ma ħdimt f'Ambaxxata. Għalkemm ma rċevejtx taħriġ fi ħdan il-Korp Diplomatiku, bejn l-1995 u l-1998 studjajt l-lstudji dwar ir-Relazzjonijiet Internazzjonali fuq livell terzjarju fl-Università ta' Malta. Dawn l-istudji wassluni biex nottjeni BA fl-lstudji Umanistiċi, u kienu l-istess studji li jsewġu l-maġġorparti ta' dawk li xtaqu jagħmlu karriera fid-diplomazija.

Tul il-karriera tiegħi, minħabba n-natura tal-karigi li kelli li kienu jeżiġu negozjati u komunikazzjoni fuq livell governattiv u politiku, irċevejt diversi korsijiet ta' taħriġ fin-negozjar (*negotiation*) bilaterli u multilaterali, fid-diskors pubbliku u fil-komunikazzjoni. Dawn irċevejthom meta kont naħdem mal-Bank Ċentrali Ewropew biex jassistuni fir-rwol tiegħi kif semmejt fit-tweġiba għall-mistoqsija Nru 4 hawn fuq, waqt li kont qiegħed nitħarreġ mal-Emirates Airlines f'Dubai, meta ħdimt mal-Qatar Airways, mal-awtoritajiet Ingliżi tal-Avjazzjoni, kif ukoll anke meta kont qed naħdem mal-Istat tal-Qatar.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Tista' tiddikjara x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissudaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-Arabja Sawdija speċjalment fis-settur kummerċjali fejn jista' jkun hemm lok ta' iktar avvanz u tkabbir? Taħseb li s-settur bankarju tagħna huwa preparat u armat għal dan?**

Il-fatt li pajjiżna għandu rappreżentanza fil-pajjiż fuq livell ta' Ambaxxata diġà huwa messaġġ b'saħħtu minn Malta dwar l-intenzjonijiet tagħha fejn jidħlu rabtiet mal-Arabja Sawdija. Ikun għalhekk tajjeb jekk, fil-mument opportun, wieħed jesplora taħditiet mal-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija biex jikkunsidraw jirreċiprokaw bil-ftuħ ta' Ambaxxata f'Malta.

Għandu jsir sforz biex iż-żewġ pajjiżi jinnegozjaw u jikkonkludu aktar ftehim fuq oqsma varji, minbarra dawk li hemm bħalissa. Sforzi fis-settur tas-saħħa, turiżmu, edukazzjoni, trasport, loġistika u informatika għandhom jingħataw prijorità biex jissarrfu f'kollaborazzjonijiet u kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi. Fit-tweġiba għall-mistoqsija Nru 3 mill-Membri tal-Gvern, tajt aktar dettall dwar dan.

Fejn jidħol is-settur tas-servizzi, Malta bħala pajjiż membru tal-UE għandha x'toffri, wisq iżjed għax huwa pajjiż b'legat ta' sistemi Ingliżi fejn tidħol amministrazzjoni, qafas regolatorju għall-kummerċ, l-investiment, u l-inkorporazzjonijiet tas-soċjetajiet, kif ukoll għax politikament Malta għandha pożizzjoni newtrali u magħrufa li għandha id ta' ħbiberija mal-pajjiżi kollha.

Tajjeb li jiġi attwat il-Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru li jagħmilha possibbli biex ikun hemm titjiriet diretti bejn iż-żewġ pajjiżi. Huwa fatt ippruvat xjentifikament li titjiriet diretti jżidu l-flussi tan-nies, kif ukoll iservu ta' katalista għal kummerċ, bejn iż-żewġ pajjiżi.

Filwaqt li Malta għandha settur finanzjarju - inkluż dak bankarju - żviluppat u b'saħħtu, dan għandu jservi biex jiffaċilita t-tkabbir tal-kummerċ u s-servizzi l-oħra, aktar milli jsiru sforzi bilaterali ffukkati fuq dan is-settur innifsu. Nosserva li għalkemm fil-preżent hemm ċertu sfidi f'dan is-settur, konxju li bħalissa għaddej proċess ta' titjib, issudar, u konformità sħiħa mal-qafas regolatorji internazzjonali. Għaldaqstant ma narax li s-servizz bankarju jista' jkun ta' xkiel jew ipoġġi xi limitazzjonijiet sostanzjali, jew jesponi lil Malta għal riskji bla bżonn.

2. **Tista' tindika fl-opinjoni tiegħek liema huma għalhekk l-isfidi prinċipali f'din il-linja senjatament fid-dawl tal-esperjenza tiegħek ta' bniedem fis-settur legali però impenjat għal numru ta' snin f'dak tal-avjazzjoni?**

L-akbar sfida għal Malta fit-tkabbir tar-relazzjonijiet mal-Arabja Sawdija hija li hekk kif dawn jintensifikaw u jirriżultaw f'kooperazzjoni ekonomika akbar, dan it-tkabbir ma jaffettwax ir-relazzjonijiet tajba li Malta għandha ma' ħafna pajjiżi oħra imma li dawn tal-aħħar m'għandhomx relazzjoni tajba ma' dan il-pajjiż. Minħabba li l-Arabja Sawdija hija *powerhouse* reġjunali u r-rwol li jilgħab minħabba f'hekk, dan wassal biex maż-żminijiet tgħarrqu ċertu relazzjonijiet ma' numru ta' pajjiżi. Minn mindu seħħet ir-Rebbiegħa Għarbija (Arab Spring) fl-2010/2011 u t-tensjonijiet li din wasslet saħansitra anke fil-Golf Għarbi, ir-relazzjonijiet ta' bejn is-sitt pajjiżi tal-GCC ġew affettwati. Din id-diġenerazzjoni fir-relazzjonijiet wasslet biex fl-2017 l-Arabija Sawdija inizjat imblokk flimkien mal-UAE, il-Bahrain u l-Eġittu (l-erba' pajjiżi flimkien jissejħu l-'kwartett tal-imblokk') kontra l-Qatar, liema imblokk għadu għaddej sal-

lum. Il-Qatar sab appoġġ mit-Turkija u mill-Iran. Kemm it-Turkija kif ukoll il-Qatar huma żewġ pajjiżi li magħhom Malta qed tibni relazzjonijiet tajbin, in vista wkoll tal-potenzjal kbir li jeżisti. Tkabbir fir-relazzjonijiet mal-Arabja Sawdija jridu jitpoġġew f'dan il-kuntest. Madankollu jekk is-sensitivitajiet riżultanti jiġu ttrattati tajjeb, ma nara l-ebda xkiel biex bħala pajjiż avukat ta' paċi, Malta tgawdi relazzjonijiet tajbin ma' kull pajjiż imsemmi.

Dawn is-sensitivitajiet li semmejt jistgħu jikbru fil-futur qarib meta hu mistenni nisimgħu b'verdetti minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-ICAO dwar jekk ċertu azzjonijiet li ttieħdu mill-kwartett tal-imblokk - eżempju l-projbizzjoni għall-kumpaniji tal-ajru tal-Qatar milli jużaw l-ispazju tal-ajru Sawdit - humiex leġittimi jew le. Il-ġimgħa l-oħra diġà kellna verdett mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja kontra dan il-kwartett. F'dan id-dawl, Malta, permezz tar-rappreżentanza diplomatika tagħha, għandha turi kawtela u sensittività jkun xi jkun l-eżitu.

**3. Għamilt żmien fir-reġjun Oman, Qatar; kellek viżti preċedenti u kuntatti ma' awtoritajiet fl-Arabja Sawdija?**

Qatt ma żort l-Arabja Sawdija.

Minħabba n-natura ta' karigi li okkupajt, ħdimt fuq numru ta' *dossiers* relatati ma' proġetti tal-avjazzjoni jew l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-pajjiż.

**4. Tista' għalhekk tinforma l-kumitat jekk mortx xi drabi preċedenti fl-imsemmi pajjiż u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali personali hemm?**

Qatt ma mort fl-Arabja Sawdija u m'għandi l-ebda rabta jew investimenti kummerċjali fil-pajjiż.

**5. Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Le, qatt ma ħdimt fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

**6. Tista' tindika wkoll jekk ġejtx involut fil-preparazzjonijiet ta' pajjiżna għall-Presidenza ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea?**

Ma kontx involut. Fis-sena 2017 jien kont impjegat mal-UK Civil Aviation Authority International (CAAI) bħala *Senior Manager International Operations* fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Asja. Is-CAAI hija sussidjara fi ħdan l-Awtoritajiet Ingliżi għall-Avjazzjoni, li tippromwovi u tagħti servizzi tekniċi, kummerċjali u regolatorji fuq bażi bilaterali ma' ħafna pajjiżi li jitolbu l-għajnuna tal-Gvern Ingliż f'dak li għandu x'jaqsam mal-avjazzjoni.

Madankollu, kif weġibt għall-mistoqsija Nru 4 mill-Membri tal-Gvern, għandi esperjenza diretta u ta' sitt snin sħaħ naħdem fil-qalba tal-makkinarju istituzzjonali, diplomatiku u politiku tal-UE, fi żmien kritiku meta Malta ssieħbet fl-UE, u aktar tard meta adottat il-munita waħda.

Riċentement għan-nom tal-Qatar kont involut f'negozjati sensittivi biex il-Qatar u l-UE jikkonkludu Trattat fejn jagħtu aċċess ħieles tat-trasport bl-ajru lil xulxin.

**7. Tista' tiddikjara jekk hemmx xi forma ta' konflitt ta' interess f'din il-ħatra?**

Le, m'għandi l-ebda kunflitt ta' interess.

**8. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport ta' pajjiż ieħor?**

Le, m'għandix. Għandi biss passaport Malti.